**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 7 ta' Mejju, 2019

Rikors Nru : 182/18AL

**AB**

**Vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-partijiet zzewgu fit-tlettax ta' Awwissu tas-sena elf disa` mija u disghin (13/08/1999), fir-Registru Pubbliku ta' Malta, kopja tac-certifikat taz-zwieg qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. A u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;
2. Illi l-partijiet isseparaw bonarjament fl-atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono datat tlettax ta' Awwissu tas-sena elfejn u ghaxra (13/10/2010) li gie awtorizzat mill-Onor Imhallef Noel

Cuschieri, kopja tal-kunratt tas-separazzjoni qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. B;

3. Illi m'hemm l-ebda tama ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi barra li ilhom aktar minn erba (4) snin legalment separate, illu ghandhom hajja totalment separati minn xuxlin;
4. Illi m'hemm l-ebda kwistjoni bejnithom dwar il-manteniment ghax fil-fatt ma hemm l-ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet;
5. Illi ghaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwizi kollha stability mil-ligi biex jinghataw d-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta)

Talab li l-intimata tghid ghaliex lil din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien indikat minn din l-istessQorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, u sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Lulju 2018;

Rat illi l-intimata, debitament notifkata ma dehritx għal dawn il-proċeduri u ma pprezentatx risposta ;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi ilhom legalment separati sa mit-13 ta' Awwissu, 2010;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien xahar millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;